MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 507/2007

**Fal-Con Ltd**

**vs**

**Carmelo Camenzuli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Is-socjeta` esponenti akkwistat titolu esekuttiv kontra Carmelo Camenzuli bis-sahha ta` sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta` Jannar, 1996 fil-kawza fl-ismijiet permessi, (kopja legali annessa u mmarkata Dok EC1).

L-istess socjeta` esponenti otjeniet ukoll taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji (ezebita Dok EC2).

It-terminu ta` hames snin ghall-esekuzzjoni ta` dawn it-titoli ezekuttivi, kontemplat fl-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ghalaq.

Is-socjeta` esponenti tikkonferma t-talba li dwarha qed tfittex l-esekuzzjoni taghha, fil-waqt li tikkonferma illi dan id-dejn ghadu dovut fl-intier tieghu, flimkien ma` l-imghaxijiet legali.

Ghaldaqstant, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti l-esekuzzjoni tat-titoli esekuttivi, indikati fid-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. EC1 u EC2.

Rat id-dokument esibit.

Rat in-nota tal-konvenut.

Li biha qed jinforma dina l-Onorabbli Qorti illi huwa jixtieq jikkontesta t-talba tar-rikorrenti kif esposta fir-rikors tieghu billi fl-ewwel lok jekk xi ammont huwa dovut, certament mhuwiex dovut dak li qed jippretendi l-istess rikorrenti.

L-esponenti qed jesebixxi ittra (Dok. CC) datata 20 ta` Mejju, 1996 (u cioe` hames xhur wara is-sentenza) mibghuta minghand il-konsulent legali ta` dak iz-zmien tar-rikorrenti fejn l-istess konsulent legali qed tghid illi l-ammont dovut lill-klijent taghha huwa ta` Lm789.42 u mhux ta` Lm2025.00 u dana billi wara li l-kawza kienet giet deciza, l-esponenti kien ghamel pagament akkont tal-ammont dovut lir-rikorrenti.

L-istess esponenti wkoll jirrileva illi ghar-rigward l-ammont ta` Lm789.42 imsemmijin fl-ittra tal-20 ta` Mejju, 1996, dawn kienu thallsu kollha ftit wara Mejju, 1996 lill-esponenti fil-Service Station li huwa kellu gewwa Haz-Zebbug u dana fil-prezenza ta` martu Maria Theresa Camenzuli, izda l-istess rikorrenti qatt ma rrilaxxa ricevuta kif fil-fatt qatt m`ghamel tul il-pagamenti kollha li kien ghamel lilu l-esponenti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Ikkunsidrat illi permezz ta` dawn il-proceduri, is-socjeta` attrici qed titlob sabiex testendi l-validita` ta` sentenza moghtija fit-30 ta` Jannar, 1996 u li permezz taghha l-konvenut kien gie kkundannat ihallas l-ammont ta` Lm158.50. Il-konvenut jikkontendi illi jekk ghadu tenut li jhallas xi ammont dan zgur mhux l-ammont kollu li qed jippretendi l-attur. L-istess konvenut qed jghid illi huwa baghat cheque ta` Lm1580.50 qabel ma giet deciza l-kawza, liema cheque baqa` ma ssarrafx. Jghid ukoll illi l-ammont li ntalab ihallas wara, cioe` Lm789.42 kien thallas mill-konvenut meta mar fil-petrol station ta` Haz-Zebbug.

Il-Qorti tibda` biex tiskarta din il-possibilita`. Il-Qorti ma tistax taccetta li l-hlas ta` ammont konsiderevoli ta` flus, cioe` Lm789 fic-cirkostanzi li kienu qed jipprevalu dak iz-zmien bejn il-partijiet, dan wara proceduri gudizzjarji, seta` sar bla ma ntalbet ebda forma ta` rcevuta. Il-konvenut jallega li martu kienet prezenti meta sar il-hlas. Setghet intalbet tikkonferma l-fatt. Ma ntalbitx. Il-Qorti f`dan il-kuntest tirreferi ghal sentenza tal-Prim`Awla Darmanin vs Muscat (Imh. E. Magri 23/02/65):

*"Min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u fid-dubbju u fin-nuqqas ta` rcevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b`mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt",* (Vol XXXVII.i.p535).

Il-vertenza ghalhekk tirriduci ruha fil-kwistjoni dwar jekk, galadarba l-ammont ta` Lm1580 kien kopert f`cheque li ntbaghat dak iz-zmien, ghandux il-konvenut ikun tenut ihallas l-interessi fuq dan l-ammont.

Ghalkemm ma ngabet ebda prova li c-cheque fil-fatt kien intbaghat, il-Qorti tassumi li kien hekk peress illi dan il-fatt huwa presuppost ghall-ittra tal-istess difensur tal-attur li tirreklama l-bilanc dovut. Il-konvenut jikkontendi li galadarba c-cheque intbaghat, huwa m`ghandux ibati imghaxijiet.

Il-Qorti tibda` biex tinnota li hija l-ligi nnifisha li takkorda lill-kreditur dritt li jirrifjuta hlas in parte, u ghalhekk, ma jistax issa jigi penalizzat talli uzufruwixxa minn dritt li taghtih l-istess ligi.

Hawnhekk, ghalhekk, il-Qorti tirreferi ghan-natura legali ta` cheque, li m`huwa xejn ghajr dokument ta` kreditu. Il-hrug ta` cheque huwa prova dokumentarja ta` kreditu u mhux pagament tal-istess kreditu (Farrugia – Castillo 14.04.1962).

Fis-sentenza wara l-kawza:
Avv. Dr. J. Cassar vs Joseph Grech Marguerat (App. Civ. Sup. 23/06/67);

Il-Qorti irriteniet illi:

*"Ir-rilaxx ta` cheque huwa biss promessa ta` hlas" u "… guridikament hemm differenza bejn hlas u l-ghoti ta` ordni ghall-hlas"*.

Galadarba dan hu stabbilit, ma jistax jippretendi l-konvenut illum li huwa kien hallas. Meta nduna li c-cheque baqa` ma ssarrafx, kien fid-dover hu, partikolarment meta kien ikkundannat ihallas b`sentenza, li jiehu dawk il-proceduri necessarji biex jinheles minn kull dejn. La darba ghazel li jibqa` passiv meta nduna li ma kienx issarraf ic-cheque ma jistax issa jippretendi li ma jhallasx imghax.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba kif dedotta.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------